Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,739, 25 ta' April, 2011
Taqsima B

A.L. 158 tal-2011

ATT DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI (KAP. 473)

Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Għoti ta' Rifużjoni ta' l-Eko-kontribuzzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12 u 13 ta' l-Att dwar l-Eko-kontribuzzjoni, il-Prim Ministru, bi qbil mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Għoti ta' Rifużjoni ta' l-Eko-kontribuzzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu miżuri, proċeduri u gwida addizzjonali għall-Att bil-għan li jirregolaw l-għoti ta' rifużjoni fir-rigward ta' l-eko-kontribuzzjoni mħallsa minn produtturi li ipparteċipaw fl-irkupru ta' skart matul is-snin 2005 sa 2008.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni;

"faċilità għall-irkupru ta' l-iskart" tfisser faċilità għall-irkupru ta' l-iskart approvata mill-awtorità kompetenti rilevanti li tirkupra l-iskart fuq bażi kummerċjali f'Malta jew barra minn Malta;

"irkupru ta' skart" jew "irkupru" tfisser l-irkupru u l-ġbir ta' skart mis-suq bil-kunsinna lil faċilità approvata għall-irkupru ta' l-iskart għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew reklamazzjoni tiegħu, bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2008;

"Korp ta' Approvazzjoni" tfisser dak il-Korp stabbilit skond ir-Regolamenti ta' l-2010 dwar Eżenzjonijiet fl-Eko-Kontribuzzjoni; A.L. 84 tal-2010.

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immaniġġar ta' l-iskart u tinkludi, fil-qjies ta' l-awtorità mogħtija, lil kull persuna, inkluż kull Korp ta' Approvazzjoni, awtorizzata għaldaqstant għal kull għan ta' l-Att;

"rata ta' rkupru" skond Skeda 2 tfisser il-perċentwali ta' skart irkuprat bħala perċentwali ta' l-ammont totali ta' skart li jirriżulta mill-prodotti murija fi Skeda 1 u mqiegħda fis-suq minn produttur;

"skema approvata ta' rkupru ta' l-iskart ta' l-ippakkjar" jew "skema" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Ippakkjar u l-Iskart ta' l-Ippakkjar fil-Maniġġar ta' l-Iskart.

A.L. 277 tal-2006.

(2) Kull fraži mhux imfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtiija lilha fl-Att.

Irkupru ta' skart.

3. F'każijiet ta' rkupru ta' skart minn prodotti li fuqhom hija dovuta l-eko-kontribuzzjoni jew li fuqhom tkun tħallset l-eko-kontribuzzjoni skond l-Att, il-produtturi ta' dawk il-prodotti murija fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jistgħu, skond dawn ir-regolamenti, jingħataw kreditu għal xi eko-kontribuzzjoni dovuta jew rifużjoni għal xi eko-kontribuzzjoni mħallsa fuqhom kif japplika skond Skeda 2.

Mekkaniżmu għal rifużjoni jew kreditu.

4. (1) Produttur li, bil-parteċipazzjoni fi skema, ikun irkupra l-iskart bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta'Diċembru 2008 għandu jkun intitolat, għal kreditu fuq eko-kontribuzzjoni dovuta, jew rifużjoni ekwivalenti ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa fuq prodotti li jaqgħu fil-gruppi ta' prodotti murija fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-Ministru jista', bil-parir tal-Korp ta'Approvazzjoni, japprova għal dak il-kreditu jew rifużjoni lil xi produttur li jkun irkupra l-iskart waħdu f'dak il-perjodu skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-ammont ta' kreditu jew rifużjoni għandu jkun kalkolat skond ir-rata ta' rkupru ta' skart applikabbli skond Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) L-ammont ta' eko-kontribuzzjoni li fuqha jista' jingħata kreditu jew rifużjoni lil produttur fir-rigward ta' xi sena jew parti minnha li għaliha tkun qed issir talba skond dawn ir-

regolamenti għandha tkun dak l-ammont li jkun l-inqas minn:

(a) l-eko-kontribuzzjoni li tkun ġiet imħallsa fuq prodotti li jaqgħu fl-istess grupp ta' prodotti fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għal dik is-sena jew parti minnha; jew

(b) l-ispejjeż li l-produttur ikun nefaq fl-irkpuru tal-iskart, jew fil-każ ta' produtturi li jipparteċipaw fi skema, id-dritt annwali biex jissieħeb fl-iskema:

Iżda fil-każ ta' produttur li jkun irkupra l-iskart waħdu matul dak il-perjodu, dawk l-ispejjeż għandu jkollhom magħhom dokumentazzjoni ta' provi verifikati.

(4) Meta minflok kreditu, tingħata xi rifużjoni, dawk ir-rifużjonijiet dovuti lill-produttur skond dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu mill-Ministru, sakemm jitħallsu l-eko-kontribuzzjonijiet kollha mhux kontestati.

Kompetenza tal-Korp ta' Approvazzjoni.

5. Il-Korp ta'Approvazzjoni għandu jipproċessa u japprova t-talbiet għal kreditu jew rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni magħmulin skond dawn ir-regolamenti, u għandu jirregola il-proċedura tiegħu nnifsu meta jkun qed jaqdi dawk il-funzjonijiet.

Talba għal kreditu jew rifużjoni.

6. (1) Talba għal kreditu jew rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa jista' jagħmilha biss produttur reġistrat taħt l-Att għal kull sena li dwarha tkun qegħdha ssir talba għal kreditu jew rifużjoni.

(2) Talba għal kreditu jew rifużjoni għandha ssir fuq il-formola ordnata mill-Korp ta' Approvazzjoni u għandu jkollha magħha dikjarazzjoni maħruġa minn faċilità għall-irkupru ta' l-iskart li tkun tikkonferma l-ammont ta' skart irkuprat mill-prodotti mqiegħdha fis-suq mill-produttur. Il-formola tat-talba għandu jkollha magħha dik il-prova dokumentata verifikata li tiċċertifika għas-sodisfazzjoni tal-Korp ta' Approvazzjoni il-kwantità u x-xorta ta' l-iskart effettivament irkuprat mill-prodotti mqiegħdha fis-suq mill-produttur.

(3) Talba għal kreditu jew rifużjoni għandha ssir separatement għal kull sena, u sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

(4) Il-Korp ta' Approvazzjoni għandu jipproċessa

talbiet magħmula lilha skond dan ir-regolament sakemm kull bilanċ ta' eko-kontribuzzjoni dovut ikun tħallas u tkun ingħatat l-informazzjoni ulterjuri mitluba taħt is-subregolament (2).

(5) Fl-ipproċessar ta' talba għal kreditu jew rifużjoni taħt dawn ir-regolamenti, il-Korp ta' Approvazzjoni jista' jitlob lill-produttur biex iressaq informazzjoni ulterjuri fir-rigward ta' dik it-talba, inkluża informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-kwantità, t-tip u l-kwalità tal-prodotti mqiegħdha fis-suq u dwar il-kwantità, t-tip u l-kwalità ta' skart irkuprat.

Rekords u dikjarazzjonijiet.

7. Mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet preċedenti, produttur li jagħmel talba għal kreditu jew rifużjoni li ssir skond ir-regolament 6 għandu:

jżomm, għall-prodotti kollha li dwarhom issir talba, rekords preċiżi tal-moviment tal-prodotti;

jagħti kunsens u jikkonforma ruħu mat-talbiet għall-monitoraġġ, verifika, kontroll, u l-produzzjoni għall-ispezzjoni ta' kull rekord u kull dokument ieħor li jkollu x'jaqsam mal-irkupru ta' l-iskart mill-prodotti; u

jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti kollha ta' l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu u ma' dawk it-talbiet l-oħra magħmula mill-Korp ta' Approvazzjoni.

Talba inkorretta għal kreditu jew rifużjoni.

8. (1) Meta talba għal kreditu jew rifużjoni jkun fiha informazzjoni falza jew mhux korretta u l-produttur ma jikkorriġix dik it-talba skond il-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, dak il-produttur jista' jeħel penali amministrattiva ekwivalenti għall-ogħla mill-ammont ta' rifużjoni li tkun qegħda tintalab u mitejn u tlieta u tletin euro (€233).

(2) Produttur li jkun għamel xi tip ta' dikjarazzjoni mhix korretta f'talba għal rifużjoni għal xi perjodu jista' jikkoreġi l-imsemmija talba billi jikkunsinna formola ta' talba korretta sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn meta tkun ġiet ippreżentata t-talba li jkun fiha d-dikjarazzjoni żbaljata lill-Korp ta' Approvazzjoni, u li tkun tindika b'mod ċar li l-formola tat-talba kif aġġustata tkun qegħda tissostitwixxi t-talba magħmula aktar qabel:

Iżda meta produttur jikkoreġi talba fil-perjodu stipulat, huwa madankollu jista' jeħel penali amministrattiva ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233).

Talbiet frawdolenti.

9. (1) Meta talba għal kreditu jew rifużjoni ssir b'mod frawdolenti jew b' xi mod ieħor irregolari, issir dovuta penali amministrattiva ekwivalenti għal għoxrin fil-mija ta' l-ammont mitlub jew riċevut indebitament permezz ta' dik ir-rifużjoni jew kreditu, flimkien ma', fil-każ ta' rifużjoni riċevuta jew kreditu mogħti, dak l-ammont, u mgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena jew parti minnha, u dak l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tal-pagament tal-ammont li jkun ġie riċevut indebitament sad-data meta dak l-ammont flimkien mal-penali amministrattiva u l-imgħax jitħallas lill-Korp ta' Approvazzjoni:

Iżda l-ammont ta' dik il-penali amministrattiva u l-imgħax meħudin flimkien m'għandhomx jeċċedu l-ammont miksub b'mod frawdolenti jew b'xi mod irregolari ieħor.

(2) Meta xi ammont ta' penali amministrattiva jew imgħax dovut jibqa' pendenti, il-Korp ta' Approvazzjoni għandu jissospendi kull rifużjoni jew kreditu lill-produttur involut sakemm dik il-penali u l-imgħax ikunu tħallsu.

Responsabbiltà u penali amministrattivi.

10. Kull ammont ta' penali amministrattiva dovut minn persuna taħt dawn ir-regolamenti m'għandux jeħles lil dik il-persuna minn xi penali oħla jew penali oħra li kellha jew li jista' jkollha tħallas skond xi dispożizzjoni ta' l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.

Infurzar.

11. Id-dispożizzjonijet tat-Taqsimiet VI u VII ta' l-Att għandhom japplikaw fir-rigward ta' penali amministrattivi imposti skond dawn ir-regolamenti u kull referenza fihom għal "l-awtorità" jew "l-Awtorità Kompetenti" għandha tiġi sostitwita b'referenza għal "Korp ta' Approvazzjoni" .

Dritt ta' appell.

12. Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-appelli kif stipulati fl-Att għandhom ikunu japplikaw għal appelli minn deċiżjonijiet tal-Korp ta' Approvazzjoni li jsiru fil-Bord tal-Appelli ta' l-Eko-Kontribuzzoni, taħt dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 1

Regolament 3

Gruppi ta' Prodotti

Regoli għall-Interpretazzjoni

(1) In-Numri Kodiċi HS murija fit-tieni kolonna tat-tabella hawn taħt huma bażati fuq il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fid-Deskrizzjoni Armonizzata u Sistema ta' Kodifikazzjoni, 1983, ippubblikata mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, Brussell.

(2) Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi HS Numri indikat fit-tabella hawn taħt huma deskritti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att u dawk id-deskrizzjonijiet huma bażati fuq in-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata u għandha tkun interpretata skond in-Noti Spjegattivi għas-Sistema Armonizzata, ippubblikat mill-Kunsill għall-Ko-Operazzjoni Doganali, Brussell.

(3) Sakemm mhux provdut mod ieħor f'din l-Iskeda, prodotti lesti biss li jaqgħu fin-Numri tal-Kodiċi HS indikati fit-tieni kolonna tat-tabella hawn taħt għandhom jitqiesu li jaqgħu fil-gruppi rispettivi ta' prodotti indikati fl-ewwel kolonna tat-tabelli hawn taħt.

Damiġġjani, fliexken, *flasks*, vażetti u kontenituri oħra magħmula minn plastik, ħġieġ jew metall, li jkun fihom xi waħda mill-xarbiet li ġejjin:

Gruppi ta' prodotti	Nru tal-Kodiċi HS
Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali naturali jew minerali artifiċjali u ilmijiet effervexxenti li la jkun fihom zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu u ma jkunu imħawwrin; silġ u borra	2201
Ilmijiet inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti li fihom zokkor miżjud jew xi materal oħra ta' ħlewwa oħra jew togħma, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, li ma jinkludix il-frott jew il-meraw tal-ħaxix taħt l-intestatura 2009	2202

Bitta magħmula mix-xgħir	2203
Inbid ta' għeneb frisk, inklużi nbejjed imsaħħin; most li ma jkunx dak taħt l-intestatura 2009	2204
Vermut u nbid ieħor ta' għeneb frisk imħawwrin bi pjanti jew sustanzi aromatiċi	2205
Xorb ieħor iffermentat (per eżempju, *cider perry, mead*); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra	2206
Alkoħol etiliku mhux żnaturat b' saħħa alkoħolika li jkollu volum ta' inqas minn 80% vol.; spirti, likuri u xorb spirituż ieħor	2208

Damiġġjani, fliexken, *flasks*, vażetti u kontenituri oħra magħmula minn plastik, ħġieġ jew metall, taħt dan li ġej:

Gruppi ta' prodotti	**Nru tal-Kodiċi HS**
Oġġetti għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' xorb	3923
Oġġetti għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' xorb	7010
Bottijiet ta' l-aluminju għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' xorb	7612

Oġġetti li jintużaw fil-kamra tal-banju u preparazzjonijiet tal-ħasil taħt l-intestaturi li ġejjin:

Gruppi ta' prodotti	**Nru tal-Kodiċi HS**
Fwejjaħ u *toilet waters*	3303
Preparazzjonijiet tas-sbuħija jew tħejjiijiet biex tiġi trattata l-ġilda (minbarra medikamenti), inklużi prodotti ta' protezzjoni mix-xemx jew kontra t-tikmix; manikjur jew pedikjur. Madanakollu esklużi it-trab tat-trabi mingħajr fwieħa ppakkjat f'kaxxi tal-kartun ta' piż li ma jaqbiżx 70 gramma u lozjoni ta' l-idejn u tal-ġilda f'kontenituri li ma jaqbżux 50ml	3304
Preparazzjonijet għall-użu fix-xagħar, mandanakollu esklużi l-oĠġetti li jaqgħu taħt l-intestatura 3305 10 00	3305
Shampoos, f'kontenituri li jeċċedu 50 ml	3305 10 00
Preparazzjonijiet għall-iġjene orali jew tas-snien, inklużi pasti u trabijiet għall-inkollar tad-dentaturai; ħjut użati għat-tindif bejn is-snien (floss dentali), f'pakki individwali bl-imnut	3306
Preparati għal qabel, waqt u wara t-tqaxxir tal-leħja, deodoranti	3307

personali, preparazzjonijiet tal-banju, preparazzjonijiet ta' depilazzjoni u prefumerija oħra, ta' kosmetiċi jew ta' affarijiet li jintużaw fil-kamra tal-banju, li mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; *deodorisers* tal-kmamar, kemm jekk imfewħa kemm jekk m'humiex jew li jkollhom proporjetajiet diżinfettanti. Madanakollu jeskludu l-ġel tal-banju u tad-doċċa f'kontenituri li ma jaqbżux 50 ml	
Aġenti organiċi attivi għal fuq il-ġilda (minbarra sapun); preparazzjonijiet għal fuq il-ġilda attivi, preparazzjonijiet għall-ħasil (inklużi preparazzjonijiet awżiljarji għall-ħasil) u preparazzjonijiet għat-tindif, kemm jekk fihom kemm jekk ma fihomx is-sapun, minbarra dawk taħt l-intestatura 3401, li ma jinkludux preparazzjonijiet taħt l-intestaturi 3402 20 jew 3402 90	3402
Aġenti organiċi attivi fuq il-ġilda (minbarra sapun); preparazzjonijiet fuq il-ġilda attivi, preparazzjonijiet għall-ħasil (inklużi preparazzjonijiet awżiljarji għall-ħasil) u preparazzjonijiet għat-tindif, kemm jekk fihom is-sapun, li ma jinkludux preparazzjonijiet taħt l-intestatura 340, li jinsabu imwettaq taħt l-intestatura 3402 20 jew taħt l-intestatura 3402 90	3402

SKEDA 2

Regolament 4(2)

Perċentaġġ ta' Rkupru ta' l-Iskart

Rata ta' rkupru (%)	**Kreditu / Rifużjoni (%)**
25 – 29	5
30 – 34	15
35 – 39	30
40 – 44	40
45 – 49	45
50 – 54	50
55 – 59	55
60 – 64	60
65 – 69	65
70 – 74	70
75 – 79	75
80 jew iżjed	80